# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, l-Erbgha 23 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 27.
Citazz. Nru. 2396/00 JRM

**Matthew MIGNECO**

**vs**

**Mark Lawrence RIZZO**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta:

Illi fil-hamsa ta' Awissu tas-sena elfejn (05/08/2000), l-attur ghadda arlogg tal-marka *Rolex* tal-valur ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2500), li ghandu s-*serial number* W518649 lill-konvenut, fejn dan gie inkarigat mill-attur sabiex jaghmel xoghol ta' *polishing* fuq l-imsemmi arlogg;

Illi skond skrittura privata hawn annessa u mmarkata Dok A, datata hamsa ta' Awissu tas-sena elfejn ( 05/08/2000), il-konvenut kellu jirritorna l-imsemmi arlogg lill-attur sal-hdax ta' Awissu elfejn (11/08/2000);

Illi minkejja l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jirritorna l-imsemmi arlogg, dan sal-lum dejjem naqas;

Illi l-konvenut ma jidhirx illi ghandu l-intenzjoni li jirritorna l-imsemmi arlogg, stante illi meta gie interpellat verbalment mill-attur sabiex jadempixxi ruhu mal-kundizzjoni tal- iskrittura fuq imsemmija, dan gie mhedded mill-konvenut;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex, ghar-ragunijiet fuq premessi, u dan taht kull provediment li din l-Onorabbli jidhrilha xieraq u opportun:

1. Tordna lill-konvenut jirritorna l-imsemmi arlogg lill-attur fi zmien li ghandu jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, f'dak l-istat li dan kien ghaddihulu, jew fin-nuqqas tordna illi l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2500), ammont rapprezentanti l-valur tal-arlogg;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 3791/00 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Semghet l-Avukat ta' l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba ta' l-attur** kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut, u, ghall-finijiet tal-ewwel talba qeghda tordna lill-konvenut irodd lura l-arlogg lilu konsenjat sa zmien sebat (7) ijiem millum, jew, fin-nuqqas, li jhallas lill-attur is-somma ta' elfejn u hames mitt lira (Lm2500), bl-imghax dekorribili minn dak inhar sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**23 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Mejju, 2001.**